# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 1276/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Lighthouse Toys Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm388.00) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' prezz ta'

payphone li ggib in-numru 232676 liema sevizz gie nstallat fil-fond kummercjali li jgib in-numru A 533, Qasam Industrijali, Marsa, u dana skond ma kif jidher mill-anness ‘applikazzjoni’ Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz, ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju, 2000, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet is-sorte, pero’ zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta’ Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur